



# 1 Serata ma tintesiex

"U Sara Bonavia ddaħħal l-ewwel ballun!"

It-tifla niżlet fuq il-ħaxix imxarrab minnida, tfaqqa' d-daħq. Bilwieqfa maġenbha, seħibha Raphael kien bil-geddum.

"Xortik tajba, dak kollox," beda jgerger, peress li ma kienx jaf jitlef.

Raphael mar iġib il-ballun tal-*basketball* u tefgħu quddiemu b'ġest ta' nuqqas ta' sabar. Il-ballun baqa' sejjer taħt roqgħa kbira ta' fjuri kollha lwien li kienet qed iżżejjen il-binja. Sara taret qisha molla biex tmur tiġri tiġbor il-ballun.

"Attent, Raphael! Il-primuli tant huma għal qalbu l-papà!"

"Il-primuli fetħu u r-rebbiegħa waslet!" beda jkanta l-ħabib tagħha, bi tbissima mqarba fuq wiċċu.

Sara ħadet nifs 'il barra.

"Diġà qegħdin nofs April," kompliet. "Daqt ma narawx iktar minnhom. Ta' min igawdihom issa."

"Ta' min igawdi l-vaganzi tar-rebbiegħa, li wkoll daqt jispiċċaw!" weġibha Raphael.

U b'dal-kliem, ġabar il-ballun u lesta biex jitfgħu fix-xibka … meta nstemgħet il-vuċi ta' omm Sara minn wara daharhom:

"Sara, Raphael, idħlu lestu. Nitilqu daqs kwart'oħra!"

Raphael tilef il-konċentrazzjoni għal ftit, u l-ballun ħarablu minn idejh …

"Ħa ħa! Irbaħt jien!" għajtet Sara.

Ftit ħin wara, Sara u Raphael kienu bilqiegħda fuq wara tal-karozza. Is-Sinjura Bonavia poġġiet quddiem l-istering u qaltilhom:

"Ilbsu l-ġkieket. Filgħaxija għadu qed jaqa' l-frisk."

"U l-papà?" staqsietha Sara. "Ma kellux jiġi magħna t-teatru?"

"Illum ħadem sa tard fis-serra," weġbitha ommha. "Kellu jmur jinħasel l-ewwel. Issa jiġi jiltaqa' magħna waqt l-intervall."